# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 18 ta' Jannar, 2024**

**Numru 7**

**Rikors Numru 17/23 TA**

**Malcolm Mifsud (230785M)**

**vs**

**Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat tal-Istat**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Malcolm Mifsud (ir-rikorrent) tas-17 ta' Jannar 2023 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

"1. Illi fit-13 ta' Jannar 2005, l-esponent (flimkien ma' certu Ignatius Joseph Fenech) gie mressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja ta' fost ohrajn ta' serq aggravat, ta' attentat ta' serq, ta' hsara volontarja u sewqan minghajr koperta ta' polza ta' assikurazzjoni (Kumpilazzjoni Numru 37/2005).

2. Illi dakinhar stess, l-esponent nghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom dak tar-rinkazar bejn l-10:00 pm u s-7:00am, u garanzija personali ta' Lm8,000(€18,634.96).

3. Illi din il-kawza giet deciza finalment b'sentenza tas-26 ta' Jannar 2010 u l-esponent nghata piena ta' ordni ta' *probation* ghal perjodu ta' tliet (3) snin, oltre multa ta' €4,500, nofs il-hlas tal-ispejjz tal-esperti mahtura fis-somma ta' €986 u 18-il xahar sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan.

4. Illi fil-kors tal-istess kawza, senjatament fil-21 ta' Gunju 2006, il-Kummissarju intimat talab lill-Qorti tal-Magistrati (bhala Qorti Istruttorja) sabiex tirrevoka l-helsien mill-arrest u tordna li l-ammont stabbilit fid-digriet tat-13 ta' Jannar 2005 jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta minhabba li l-esponent kien kiser il-kundizzjonijiet tar-rinkazar.

5. Illi b'digriet iehor ta' dik il-Qorti tat-28 ta' Gunju 2005, wara li applikat l-artikolu 579 vigenti dak iz-zmien, qieset li l-esponent kiser il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, u ghaddiet biex ordnat ir-riarrest tieghu u li s-somma ta' Lm8,000 tghaddi favur il-Gvern ta' Malta. B'rizultat ta' dan id-digriet l-esponent ghamel 109 jum taht arrest preventiv.

6. Illi b'rikors tal-20 ta' Lulju 2005 l-esponent talab li dik il-Qorti tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tat-28 ta' Gunju 2005. Din it-talba giet michuda minn dik il-Qorti b'digriet iehor tal-1 ta' Awissu 2005.

7. Illi r-Registratur tal-Qrati Kriminali, b'rikors tad-9 ta' Jannar 2006, informa lill-Qorti li s-somma ta' Lm8,000 kienet ghadha ma thallsitx u ghalkemm din is-somma giet imhallsa in parte b'Lm2,000, b'digriet tal-istess Qorti tad-19 ta' Jannar 2006, il-Qorti tal-Magistrati (Bhala Qorti Istruttorja) ordnat li l-esponent jinzamm arrestat f'detenzjon ghal zmien ta' mhux aktar minn 1,200 gurnata (ekwivalenti ghal madwar 3 snin u 3 xhur) sakemm tithallas is-somma ta' Lm6,000, liema zmien jonqos *pro rata* skond l-artikolu 586 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk tithallas parti minn dik is-somma.

7. Illi effettivament, sakemm hallas l-imsemmija somma, l-esponent serva d-detenzjoni imposta mill-Qorti ghal 16-il jum, u cioe' sat-3 ta' Frar 2006.

8. Illi fiz-zmien mertu ta' dan il-kaz, l-artikolu 579 kien jaqra hekk:

*Jekk l-imputat jew akkuzat jonqos li jidher ghall-ordni ta' l-awtorita' msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija, jew jonqos li josserva xi kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet taghha li bih taghti l-helsien mill-arrest taht garanzija, jew jinheba jew jitlaq minn Malta, jew waqt li jkun mehlus mill-arrest jikkommetti delitt li ma jkunx wiehed ta' natura involontarja, jew jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b'mod iehor jintralcja jew jipprova jintralcja il-kors tal-gustizzja fir-rigward tieghu jew ta' persuna ohra, is-somma imposta fl-obbligazzjoni tghaddi favur il-Gvern ta' Malta, u, barra minn dan, jigi mahrug mandat ta' arrest kontra tieghu:*

*Izda din id-dispozizzjoni ma ghandhiex tapplika meta l-qorti tkun tal-fehma illi l-ksur tal-kondizzjonijiet imposti mill-Qorti fid-digriet taghha li bih taghti l-helsien mill-arrest taht garanzija ma hiex ta' konsegwenza serja.*[1]

[1] Din id-disposizzjoni giet taqra hekk wara li kienet sostitwita bl-Artikolu 3 tal-Att XXIX tal-1989, u emendata bl-Artikolu 30 tal-Att XXIX tal-1990 u bl-Artikolu 142 tal-Att III tal-2002

9. Illi ftit taz-zmien wara, fit-8 ta' Awissu 2006, dahal fis-sehh l-Att XVI tal-2006 fejn filwaqt li d-disposizzjoni li kien hemm ezistenti baqghet l-istess, (izda giet indikata bis-subinciz (1)), zdiedu s-subincizi (2)(3) u (4) fejn il-Pulizija giet moghtija d-diskrezzjoni li taghzel jekk tmexxix b'talba that l-artikolu 579(1) jew inkella tressaqx lil dik il-persuna b'reat punibbli, dak iz-zmien, b'multa jew bi prigunerija ghal mhux aktar minn sitt xhur, jew multa u prigunerija flimkien. [2]

10. Illi b'din l-emenda, li dahlet waqt it-terminu ta' detenzjoni impost mill-Qorti tal-Magistrati fid-digriet taghha tad-19 ta' Jannar 2006, twieldet l-ghazla (ghalkemm fid-diskrezzjoni tal-Pulizija) li l-esponent jehel piena ferm anqas minn dak li effettivament inghata mill-Qorti tal-Magistrati ghall-ksur tal-obbligu tar-rinkazar fid-digrieti taghha tat-28 ta' Gunju 2005 u tad-19 ta' Jannar 2006. Din l-emenda lanqas biss kienet issemmi l-konsegwenza tal-konfiska tal-garanzija imposta bid-digriet tal-helsien mill-arrest.

11. Illi t-thaddim u l-applikazzjoni tal-artikolu 579 kif kien fis-sehh fit-28 ta' Gunju 2005 u fid-19 ta' Jannar 2006, kien jipprojbixxi kwalsiasi diskrezzjoni li l-Qorti timmitiga l-ammont ta' telf skont ic-cirkostanzi tal-kaz.[3]

12. Illi dan jammonta ghall-ksur tal-principji ta' proporzjonalita' kif protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropea, u ksur tal-artikolu 34(1)(d) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.

13. Illi inoltre, t-thaddim tal-ligi sabiex l-esponent jikkontesta d-digriet tal-Qorti tal-Magistrati tat-28 ta' Gunju 2005, ossija r-revizjoni ta' dak id-digriet mill-istess Qorti li ddekretatu, jilledi d-drittijiet tal-esponent ki sanciti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u dak kollha li jirrizultaw fil-kors ta' din il-kawza, prevja dawk id-dikjarazzjonijiet kollha necessarji u/jew opportuni, l-esponent jitlob bir-rispett li din il-Qorti joghgobha:

i) Tiddikjara u tiddeciedi li, l-artikolu 579 tal-Kodici Kriminali kif kien fis-sehh fit-28 ta' Gunju 2005 u fid-19 ta' Jannar 2006 u bit-thaddim u l-applikazzjoni tal-istess disposizzjoni, l-esponent sofra vjolazzjoni tal-principju tal-proporzjonalita' kif protett mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, u tad-drittijiet fundamentali kif protetti bl-artikolu 34 (1)(d) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikolu 5(1) tal-istess Kovenzjoni (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta);

ii) Tiddikjara u tiddeciedi wkoll illi bil-ligi vigenti fiz-zmien li l-ordnijiet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) kienu fis-sehh wara d-digrieti taghha

[2] Artikolu 16 tal-Att XVI tal-2006
[3] John Grima vs Avukat Generali (Qorti Kostituzzjonali, deciza fis-16 ta' Mejju 2011)

tat-28 ta’ Gunju 2005 u tad-19 ta’ Jannar 2006, u bit-thaddim u l-applikazzjoni tal-istess ligi l-esponent sofra vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu kif protetti bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u bl-artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali meta seta’ jikkontesta dawk l-ordnijiet biss quddiem l-istess Qorti li ddekretathom.

iii) Taghmel dawk id-dikjarazzjonijiet, taghti dawk l-ordnijiet, rimedji u/jew provvedimenti ohra li jidhrulha xierqa kontra l-intimati, jew min minnhom sabiex tizgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali fuq imsemmija tal-esponenti, inkluz billi (i) tordna r-rifuzjoni tal-ammont shih li tieghu giet ordnata l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta bid-digriet tat-28 ta’ Gunju 2005 (ii) tikkundanna lill-istess intimati, jew min minnhom, sabiex ihallsu lill-esponenti kumpens xieraq ghall-vjolazzjoni tad-drittijiet imsemmija tal-istess esponenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati kollha li jibqghu ingunti minn issa ghas-subizzjoni.”

Rat ir-risposta tal-Kummisarju tal-Pulizija u tal-Avukat tal-Istat (l-intimat Avukat u l-intimat Kummissarju) tat-13 ta’ Frar 2023 li permezz tagħha wieġbu s-segwenti:

1. “Illi permezz tar-rikors promotur ir-rikorrenti qed jallega li l-artikolu 579 tal-Kap 9 u b`mod partikolari l-artikolu 579(2) jikser il-jedd fondamentali kif imhares fl-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea. Jidher li l-pern tal-kwistjoni hija jekk l-applikazzjoni tassativa fl-artikolu 579(2) tal-Kap 9 kwantu piena prevista ghall-ksur tal-kundizzjoni partikolari li jinsab mixli bih l-imputat qua rikorrent iwassalx jew x`aktarx tista twassal ghal sproporzjon bi ksur tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni.

2. Illi preliminarjament l-intimat Kummissarju tal-Pulizija m`huwiex il-legittimu kontradittur ghal-vertenza odjerna stante li dak li qed jigi attakkat hija l-ligi u b`hekk il-gudizzju huwa bizzejjed integru bil-presenza tal-Avukat tal-Istat wahdu.

3. Illi bhala fatti l-aktar relevanti ghal-vertenza odjerna jirrizulta li r-rikorrenti, flimkien ma` terz, tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali akkuzat b`serq aggravat fost diversi reati ohra. Ir-rikorrent, wara li ammetta l-akkuzi kollha fil-konfront tieghu, instab hati mill-Qorti tal-Magistrati b`sentenza datata 26 ta` Jannar 2010 u tqieghed taht ordni ta` probation ai termini tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta` Malta ghall-perjodu ta` 3 snin, gie ikkundannat ihallas multa ta` Euro 4,500, kellu il-licenzja tas-sewqan skwalifikata ghal-18-il xahar u konfiska ta` oggetti u jhallas spejjez gudizzjarji. Illi r-rikorrent ma appellax minn din is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.

4. Illi l-artikolu 579 tal-Kap 9 kif inhu illum jahseb ghal-sitwazzjoni fejn persuna li tkun inghatat helsien mill-arrest taht garanzija, tista titlef dik il-garanzija u tista titlef ukoll il-helsien mill-arrest moghti jekk kemm–il darba tonqos skond xi wahda mill-kundizzjonijiet mahsuba fl-ewwel inciz sakemm il-Qorti ma tqisx li tali nuqqas ma jkunx wiehed serju. L-artikolu 579 (1) ghalkemm huwa jirreferi ghal-ksur tal-*bail conditions* pero` dan m`huwiex l-artikolu li johloq ir-reat. Fit-tieni sub -artikolu (2) imbghad il-ligi qeghda tipprovdi li f`kaz ta` ksur ta` wahda mill-kundizzjonijiet maghmulin fid-digriet li jkun ta l-helsien mill-arrest, dak huwa reat li jgib mieghu l-possibilita` ta` multa jew piena ta` habs u l-konfiska ta` garanzija f`kaz ta` sejbien ta` htija. Fit-tielet sub inciz (3) imbaghad il-ligi qeghda taghti is-setgha lill-pulizija jitolbu lill-Qorti r-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mil-gdid tal-persuna imputata.

5. Illi jidher li l-ilment odjern jirrigwarda il-fatt li pendenti il-kawza kriminali, ir-rikorrenti kiser il-*bail conditions* u il-Qorti tal-Magistrati b`digriet datat 28 ta` Gunju 2005 ordnat l-arrest mil-gdid tieghu u l-konfiska tal-garanzija fl-ammont ta` Lm8,000. Illi din id-decizjoni tal-Qorti hija b`applikazzjoni tal-artikolu 579 tal-Kap 9 kif kien vigenti dak iz-zmien. Peress li ir-rikorrent ma kienx hallas l-ammont konfiskat mill-ewwel, ghamel xi zmien detenut il-hab b`applikazzjoni tal-artikolu 586 tal-Kap 9 li jghid li jekk ma jsirx hlas tas –somma li inghatat bhala garanzija, l-imputat jew l-akkuzat ghandu jinzamm f’detenzjoni ghal zmien ta’ mhux aktar minn gurnata ghal kull €11.65 ta’ dik is-somma. Ir-rikorrenti qed jargumenta li l-konfiska tas-somma tal-garanzija kienet sproporzjonata u li dan wassal sabiex hemm ksur tal-jeddijiet fundamentali invokati minnu.

6. L-esponenti jishqu li ma hemm xejn sproporzjonat fl-imposizzjoni ta` tali pieni u konsegwenzi. Meta l-imputat qua rikorrenti inghata l-helsien mill-arrest mill-Qorti tal-Magistrat huwa kellu joqghod ghal-diversi kundizzjonijiet fosthom dik tar-rinkazar u ghamel tajjeb ghal-helsien mill-arrest b`garanzija personali. Skont l-istess digriet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati hemm imnizzel car u tond x`inhuma l-konsegwenzi f`kaz li l-imputat ma joqghodx ghal-kondizzjonijiet imposti. Apparti hekk fl-istess digriet l-imputat ikun iddikjara u iffirma li jekk jikser xi wahda jew aktar minn wahda mill-obbligazzjonijiet, l-ammont totali tal-garanzija ikun dovut u jghaddi favur il-Gvern ta` Malta. Mela r-rikorrenti kien ben konsapevoli ta` x`inhuma ir-riperkussjonijiet jekk jikser il-kundizzjonijiet ghal-helsien mill-arrest kif impost mill-Qorti.

7. Il-garanzija li tinghata mhiex biss “obbligazzjoni kuntrattwali”, izda garanzija marbuta mat-twettiq tal-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti. Mela hawnhekk ghandna sitwazzjoni fejn ir-rikorrent mhux talli kien jaf bil-konsegwenzi f`kaz li jikser il-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest izda sahansitra obbliga ruhu li josservahom. Naturalment jekk wara jirrizulta li persuna tonqos milli tosserva l-kondizzjonijiet tal-*bail*

hi trid tassumi r-responsabilita` ta` ghemilha u l-konsegwenzi kollha li tali nuqqas igieb mieghu.

8. L-iskop li wiehed jaghti garanzija hija proprju li tkun ukoll ta` deterrent sabiex l-kundizzjoninijiet jigu osservati ghax jekk ma jigux osservati ikun hemm konsegwenzi serji inkluz l-konfiska tas-somma.

9. Illi l-esponenti jħoss li meta qorti tordna li tingħata garanzija, dik l-istess Qorti tkun għamlet hekk wara li tkun ħadet in konsiderazzjoni l-gravita tal-akkużi li bihom jkun mixli l-akkużat flimkien mal-kriterji l-oħra stabbiliti mil-liġi. Ir-rikorrent kien jaf perfettament ghalxiex kien diehel u zgur li ma jistghax jigi argumentat li ma kienx jaf x`tghid il-ligi ghax il-ligi kienet cara hafna. L-azzjoni li hadet il-prosekuzzjoni hija konsegwenza diretta tal-agir tal-istess rikorrenti meta dan ghazel li jikser il-kundizzjonijiet tal-bail tieghu. Wara kollox, il-proviso li insibu fl-artikolu 579 jaghti lil-Qorti is-setgha li *tiddeċiedi li ma tapplikax id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu jew li ma tapplikahomx fl-intier tagħhom meta l-qorti tkun tal-fehma illi l-ksur tal-kondizzjoniimposta fid-digriet li bih jingħata l-ħelsien mill-arrest ma hiex ta'konsegwenza serja.*

10. Illi dak li jipprovdi l-artikolu 579 inkluz il-konfiska tal-garanzija jaqa perfettament fil-jedd tal-Istat li jimponi pieni u konsegwenezi meta persuna tkun kisret obbligazzjoni imposta fuqha mill-Qorti.

11. Illi minħabba f'hekk l-esponenti jħoss li l-argument da parti tar-rikorrenti li jissussisti vjolazzjoni tad-drittijiet tal-bnidem fil-konfront tiegħu, għandu jiġi skartat minħabba l-fatt li lazzjoni li biha skattat d-detenzjoni li dwarha qed jilmenta r-rikorrenti fil-fatt kienet azzjoni meħuda minnu biss meta kien ben konsapevoli dwar il-konsegwenzi tal-istess azzjoni tiegħu;

12. Illi jekk ghal-grazzja tal-argument *dato ma non concesso* din l-Onorabbli Qorti issib li sehhet vjolazzjoni tal-jedd invokat mir-rikorrenti, ir-rimedju ta` *just satisfaction* huwa bizzejjed fic-cirkostanzi partikolari ta` dan il-kaz. Dan qed jinghad ghaliex din l-Onorabbli Qorti fil-kunsiderazzjonijiet taghha, ghandha certament tqis li l-proceduri li qed jilmenta minnhom ir-rikorrenti ilhom zmien twil *res judicata* tant li id-digriet tal-Qorti fejn ordnat il-konfiska tal-garanzija inghata addirittura fis-sena 2005. L-esponenti huma konxji li azzjoni kostituzzjonali m`hijiex marbuta ma` termini tal-preskrizzjoni bhal f`azzjoni civili ordinarja, madanakollu, lanqas m`ghandu jghaddi il-messagg li wiehed jista jaghmel li jrid meta hemm ordni ta` Qorti. Il-kundizzjonijiet li timponi il-Qorti ghandhom jigu osservati skrupolozament. Lanqas m`ghandu r-rikorrenti jigi b`xi mod "ippremjat" ghax kiser l-kundizzjonijiet tal-Qorti.

13. Illi dwar l-ilment l-iehor tar-rikorrent li kien hemm ksur tal-jedd ghal-smigh xieraq ghaliex ma kellux access biex jappella mid-digriet tal-Qorti jinghad li din il-lanjanza hija infondata. Ir-rikorrenti ma jistghax

juza proceduri kostituzzjonali biex ibiddel digrieti u sentenzi li inghataw legittimament minn Qrati ordinarji. Wara kollox hu ammetta ghal-imputazzjonijiet migjuba kontrih u m`appellax mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati. Fi kwalunkwe kaz il-jedd ghal-smigh xieraq tar-rikorrenti ma giex miksur.

14. Ghalhekk u fid-dawl tas-suespost l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

15. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-proċedura

Semgħet u qrat ix-xhieda imressqa fil-perkors ta' din il-proċedura;

Qrat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li r-rikors tħalla għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Ir-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fit-13 ta' Jannar 2005. Dak in-nhar stess ingħata l-liberta' provvisorja, fost oħrajn bil-kundizzjoni ta' rincasar b'garanzija personali ta' Lm8000 kwantu jirrigwarda l-ħarsien tal-kundizzjonijiet imposti.

**2.** Fil-25 ta' Ġunju 2005 il-Kummissarju tal-Pulizija talab ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest peress li r-rikorrent kiser il-kundizzjoni ta' rincasar. Din ġiet milqugħa u t-Lm8000 ġew konfiskati favur il-Gvern, minħabba li rriżulta lill-Qorti li r-rikorrent tassew kien kiser il-kundizzjonijiet ta' rincasar.

**3.** Għalhekk b'digriet tal-Qorti tal-Maġistrati tat-28 ta' Ġunju 2005, il-ħelsien mill-arrest ġie revokat abbażi tal-artikolu 579 kif kien dak iż-żmien. It-Lm8000 fuq imsemmija għaddew favur il-Gvern. Minħabba f'hekk ir-rikorrent laħaq għamel 109 jum taħt arrest preventiv.

**4.** Fl-20 ta' Lulju 2005 ir-rikorrent talab ir-*revoka contrario imperio* tad-digriet tat-28 ta' Lulju 2005 iżda din it-talba ġiet miċħuda b'digriet tal-1 ta' Awwissu 2005. Fid-9 ta' Jannar 2006, ir-Reġistratur tal-Qorti ġab a konjizzjoni tal-Qorti li mis-somma ta' Lm8000 kienu tħallsu biss Lm2000. Għalhekk talab li l-bilanċ ta' LM6000 jiġu konvertiti fi priġunerija.

**5.** Konsegwentment b'digriet tad-19 ta' Jannar, 2006 , il-Qorti ordnat li r-rikorrent jinżamm taħt arrest f'detenzjoni għal żmien li ma jeċċedix 1,200 ġurnata u dan sakemm titħallas is-somma ta' Lm6000. Fit-8 ta' Awwissu 2006, l-artikolu 579 ġie emendat b'Att XVI tal-2006 meta r-rikorrenti kien reġa' laħaq serva 16-il jum priġunerija u cioe' sat-3 ta' Frar 2006 sakemm ħallas is-somma imsemmija u ġie skarċerat.

**6.** Din il-Kawża ġiet finalment deċiża fis-26 ta' Jannar 2010. Ingħata ordni ta' probation għal 3 snin, €4500 multa u nofs l-ispejjes tal-periti maħtura fl-ammont ta' €986. Din is-sentenza ingħatat wara li r-rikorrent irreġistra ammissjoni.

**Punti ta' Liġi**

**7.** Ir-rikorrent jilmenta mill-fatt:

A. *“Li b’din l-emenda, li dahlet waqt it-terminu ta’ detenzjoni impost mill-Qorti tal-Magistrati fid-digriet taghha tad-19 ta’ Jannar 2006, twieldet l-ghazla (ghalkemm fid-diskrezzjoni tal-Pulizija) li l-esponent jehel piena ferm anqas minn dik li effettivament inghatat mill-Qorti tal-Magistrati ghall-ksur tal-obbligu tar-rinkazar fid-digriet taghha tat-28 ta’ Gunju 2005 u tad-19 ta’ Jannar 2006” u*

*B. “Li t-thaddim u l-applikazzjoni tal-artikolu 579 kif kien fis-sehh fit-28 ta’ Gunju 2005 u fid-19 ta’ Jannar 2006, kien jipprojbixxi kwalsiasi diskrezzjoni lill-Qorti timmitiga l-ammont ta’ telf skond ic-cirkostanzi tal-kaz”.*

**8.** Ir-rikorrent jilmenta b’mod ġenerali, li dan kollu jmur kontra l-prinċipju ta’ proporzjonalita’ u jikser id-drittijiet fundamentali tar-rikorrent tal-artikoli 34(1)(d) u 39 tal-Kostituzzjoni u artikoli 5(1), 6 u 13 tal-Konvenzjoni. Fi ftit kliem, b’dak li ġara, ir-rikorrent sofra mid-deprivazzjoni inġusta tal-liberta’ u milli jingħata smiegħ xieraq.

**Konsiderazzjonijiet**

**9.** L-emenda għall-artikolu 579 daħlet fis-seħħ fit-8 ta’ Awwissu 2006 b’Att XVI tal-2006. Iġifieri, din l-emenda daħlet wara li kienu ingħataw iż-żewġ digrieti li jilmenta minnhom ir-rikorrent u ċioe’ dak tat-28 ta’ Ġunju 2005 u fid-19 ta’ Jannar 2006. B’dak tat-28 ta’ Ġunju 2005 il-Qorti tgħid li wara li rat l-artikoli 578 u 579 tal-Kap 9 tal-liġijiet ta’ Malta neħħitlu l-

benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest u kif ukoll il-garanzija ta' LM8000, li kienet waħda personali, tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta.

**10.** Wara rikors magħmul mir-Reġistratur tal-Qrati, kif spjegat aktar 'l fuq, u wara li r-rikorrent kien laħaq ħallas Lm2000 sa fejn jirrigwarda it-LM8,000, il-Qorti ikkonvertithom għal 1200 ġurnata f'detenzjoni permezz ta' digriet tad-19 ta' Jannar 2006. Jirriżulta li r-rikorrent presenta rikors għal-liberta' provvisorja (a' fol 146). Dan ir-rikors ġie miċħud (a' fol 125 tergo). Dan ifisser, li bejn it-28 ta' Ġunju 2005 sad-29 ta' Lulju 2005 ir-rikorrent kien f'detenzjoni. Elenio Galea, uffiċjal tal-ħabs li jżomm ir-rekords għid, li r-rikorrent reġa' daħal il-ħabs bejn id-19 ta' Jannar 2006 sat-3 ta' Frar 2006 u dan kien in konnessjoni mal-konverzjoni ta' LM6000 f'detenzjoni (a' fol 282). Ġie rilaxxjat fit-3 ta' Frar 2006 għax ħallas.

**11.** Issa minn dawn il-fatti, din il-Qorti tislet żewġ osservazzjonijiet. L-ewwel waħda li dak li għid ir-rikorrent fir-rikors promotur ma hux preċiż meta jistqarr li l-emenda fil-liġi daħlet meta huwa kien taħt detenzjoni. Għamel taħt detenzjoni sat-3 ta' Frar 2006, meta l-emenda fil-liġi daħlet fit-8 ta' Awwissu 2006. Kien ikun hekk kieku serva il-perjodu kollu ta' detenzjoni ta' 1200 ġurnata, li kif rajna minħabba li r-rikorrent effettwa il-ħlas ma servix dan il-perjodu kollu (ara xhieda ta' Elenio Galea a' fol 282).

**12.** It-tieni osservazzjoni hija li meta l-Qorti ikkonvertiet is-LM6000 kienet għal kollox żbaljata. Di fatti dak in-nhar li ingħata d-digriet tad-19 ta' Jannar 2006 l-avukat tar-rikorrent issolleva li skond artikolu 12(2) tal-

Kodiċi Kriminali ebda żmien ma għandu jkun iżjed minn xahrejn u għaldaqstant talab rikalkolazzjoni tat-terminu impost. Il-Qorti ma qablitx miegħu. Dik il-Qorti fil-konverżjoni tagħha għall-fini tal-istess għamlet referenza għall-artikolu 586 tal-Kodiċi Kriminali li jiddisponi hekk:

*"(1) Kull min jiġi arrestat minħabba li ma jkunx ħallas is-somma li għaliha jkun obbliga ruħu, għandu jinżamm f'detenzjoni għal żmien ta' mhux aktar minn ġurnata għal kull ħdax-il euro uħamsa u sittin ċenteżmu (11.65) ta' dik is-somma, sew jekk dik il-persuna tkun l-imputat jew l-akkużat sew jekk tkun il-pleġġ.*

*Iżda fl-ebda każ ma għandha* <u>*d-detenzjoni*</u> *għal min ma jħallasx is-somma li għaliha jkun obbliga ruħu taqbeż is-sitt xhur jekk l-ammont ma jkunx iktar minn sebat elef euro (7,000), sena jekk l-ammont ma jkunx iktar minn tletin elf euro (30,000), tmintax-il xahar jekk l-ammont ma jkunx iktar minn tmenin elf u sentejn jekk ikun iktar minn tmenin elf euro(80,000)"* (Emfażi tal-Qorti).

**13.** Ġaladarba is-somma li kienet qed tkun konvertita ma kienitx aktar minn tletin elf ewro, il-perjodu ta' detenzjoni ma setax ikun aktar minn sena, iġifieri 365 jum u minfok ikkonvertiet għal 1200 jum. Differenza fiż-żmien li żgur ma jistax jingħad li hija negliġibbli. Dan japplika ukoll meta jkun il-każ ta' priġunerija skond artikolu 11 tal-Kodiċi Kriminali.

**14.** Jidher, anke mill-kummenti magħmula mill-Qorti għall-osservazzjoni magħmula mill-avukat tar-rikorrent, li dak in-nhar, il-Qorti jista' jkun li kkonfondiet il-piena ta' detenzjoni ma' dik ta' priġunerija għaliex kien importanti dak li jingħad f'artikolu 586 ċitat mill-Qorti stess u mhux l-artikolu 12 ċitat mill-avukat tar-rikorrent, li fis-sustanza tal-argument xorta kellu raġun.

**15.** Issa dan huwa fatt, li seta' inċida anke fuq id-deċiżjonijiet li ħa r-rikorrent fost oħrajn biex jgħaddi għall-ħlas tal-multa biex jevita li jiskonta 1200 jum ta' detenzjoni meta suppost kellha tkun 365 jum.

**16.** Issa kwantu għal kif kien l-artikolu 579 jingħad li fil-każ ta' sejbien ta' ħtija taħt l-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti tal-Maġistrati <u>ma kellhiex diskrezzjoni</u> jekk tordnax li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandux jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta jew le.

**17.** Illum dan l-artikolu jiddisponi li kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-Qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' rejat (Ara **Sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-12 ta' Diċembru 2019 fl-ismijiet Il-Pulizija -vs- Biondy Clayd Raafenberg**). B'hekk dak li huwa innovattiv b'dawn l-emendi ma kienx biss li ġie krejat rejat ġdid in kwantu jirrigwarda t-telfien tal-ħelsien mill-arrest iżda ukoll, li b'differenza minn subartikolu 1 tal-artikolu inkwistjoni lill-Qorti tneħħitilha d-diskrezzjoni li tordna li l-garanzija tkun konfiskata favur il-Gvern ta' Malta. Għalkemm irid jingħad

li bl-emendi tal-2021 il-Qorti ingħatatilha dik id-diskrezzjoni li tant issemmiet minn Sentenzi preċedenti.

**18.** Di fatti ġie anke spjegat li "*galadarba il-ksur ta' kundizzjoni tal-Qorti ta' rinkazar jammonta ukoll ghal reat u galadarba wahda mill-pieni li tista' tinghata ghal dak ir-reat hija proprju it-telfien tal-helsien mill-arrest (kemm il-darba jkun hemm talba simili da parti tal-Pulizija) jekk, ghal xi raguni, din ma tinghatax fil-procediment imsemmi fis-subartikoli (2) u (3) tal-artikolu 579, 'ma jistax jinbeda' procediment iehor u separat biex il-piena tar-revoka tal-helsien mill-arrest tigi applikata.'*" (Ara **Appell Kriminali tal-31 ta' Lulju, 2008 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spt. J. Mercieca) -vs- Wayne Falzon**).

*L-artikoli 34(1)(d) tal-Kostituzzjoni u 5(1) tal-Konvenzjoni.*

**19.** A tenur tal-artikolu 34(1) tal-Kostituzzjoni: *"Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-libertà personali tiegħu ħlief kif jista' jkun awtorizzat b'liġi fil-każijiet li ġejjin: ... (d) fl-esekuzzjoni tal-ordni ta' qorti magħmul biex jiżgura twettiq ta' xi obbligu impost lilu b'liġi; ...".* Dan id-dritt huwa rifless ukoll fl-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropea: "1. *Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà u għas-sigurtà tal-persuna. Ħadd ma għandu jiġi pprivat mil-libertà tiegħu ħlief fil-każijiet li ġejjin u skont il-proċedura preskritta bil-liġi: .... (b) l-arrest jew id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuna għal nuqqas ta' tħaris ta' ordni skont il-liġi ta' qorti jew sabiex jiġi żgurat it-twettiq ta' xi obbligu preskritt mil-liġi.*"

**20.** Fil-ktieb tagħhom **Law of the European Convention on Human Rights (it-Tieni Edizzjoni) l-awturi Harris, O'Boyle and Warbrick f'paġna 122** jgħidu hekk dwar dan l-artikolu:

*"Article 5(1) protects the 'right to liberty and security of the person'. The notion of 'liberty' here covers the physical liberty of the person, which the Court views alongside Articles 2, 3 and 4 as 'in the first rank of the fundamental rights that protect the physical security of an individual'. The court's jurisprudence contains several statements affirming the paramount importance of the right to liberty in a democratic society, its relationship with the principle of legal certainty and the rule of law, and generally explaining that the overall purpose of Article 5 is to ensure that no one should be dispossessed of his liberty in an 'arbitrary fashion'."*

**21.** Issa bil-kelma arbitrarjeta' din il-Qorti ma tifhimx li tfisser fis-sens dejjaq tal-kelma u cioe' d-deċiżjoni ta' xi ħadd li jqies lilu nnifsu 'l fuq mil-liġi u li jista' jieħu dawk id-deċiżjonijiet li jidhirlu hu, inkluża dik li jippriva lil xi ħadd mil-liberta' tiegħu għalkemm f'sens wisgħa tfisser hekk ukoll. Il-kelma arbitrarjeta' fil-kuntest tekniku legali fil-kamp tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem tfisser ukoll anke l-applikazzjoni ta' norma, ukoll jekk fi Stat demokratiku, li ma kienitx maħsuba li tiddepriva l-liberta' ta' dak li jkun b'kapriċċ, iżda li bl-applikazjoni tagħha xorta tkun waħda rraġjonevoli li qed tikser id-dritt tal-liberta' ta' persuna kif imħarsa mill-artikoli fuq imsemmija. Issa l-Qorti eżaminat sewwa il-każ li għandha

quddiemha dwar kif kien ir-reġim legali fil-mument meta kien applikat l-artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali fil-konfront tar-rikorrent u l-istess artikolu emendat wara li ingħataw id-digrieti fuq imsemmija li bis-saħħa tagħhom ir-rikorrent tilef il-liberta' tiegħu.

**22.** Jibda biex jingħad li sabiex miżura tkun konformi mal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni, mhuwiex biżżejjed illi tkun konformi mal-liġi domestika, imma trid tkun ukoll konformi mal-Konvenzjoni, inkluż il-prinċipji hemm espressi jew implikati (Ara **Pleso v Hungary tat-2 ta' Ottubru 2012**). Il-prinċipji implikati li tagħmel referenza għalihom il-Qorti Ewropea fil-ġurisprudenza tagħha li għandhom jigwidaw lill-Qorti fl-eżami ta' allegata leżjoni tal-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni jinkludu ċ-ċertezza legali, il-proporzjonalità u l-protezzjoni minn deċiżjoni arbitrarja (Ara **Simons v Belgium tas-6 ta' Settembru 2012**).

**23.** L-awtriċi **Karen Reid, fil-ktieb A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights (it-Tieni Edizzjoni)** tikkummenta hekk dwar l-importanza li jintlaħaq ir-rekwiżit fundamentali tal-proporzjonalità f'każijiet li jinkwadraw fit-tieni binarju tal-Artikolu 5(1)(b):

"*This head of detention requires that a measure is taken to secure the execution of specific and concrete obligations. The obligation does not have to arise from a court order, but may also derive from the law per se, although it must be sufficiently specific and concrete … The aim of the*

*detention must be to secure the fulfilment of the obligation, not to punish…… Relying on McVeigh, the court has stated that a balance must be drawn between the importance in a democratic society of securing the immediate fulfilment of the obligation and the importance of the right to liberty, in which balance duration is a significant factor.*" (Emfażi tal-Qorti).

**24.** Issa f'dan ir-rigward,din il-Qorti tfakkar li fid-digriet tagħha tad-19 ta' Jannar 2006 il-Qorti tal-Maġistrati erronjament ikkomputat l-ammont tal-ġranet għal 1200 jum, meta kif diġa' spjegat, dan ma kienx biss sproporzjonat iżda addirittura mhux konsentit mil-liġi. Issa dan l-iżball kien b'konsegwenza li l-istess artikolu 579 kien jorbot idejn il-Qorti, inkwantu ma setgħetx tagħmel gradwazzjoni skond is-serjeta' tal-ksur tal-kundizzjonijiet għaliex ma kellhiex id-diskrezzjoni li tagħmel dan.

**25.** Għall-aħjar intediment ta' dawn il-proċeduri huwa utli li jkunu rintraċċjati s-sensiela ta' emendi li saru li dan l-artikolu partikulari.

1. Bl-Att Nru. XXIX tal-1989 kien introdott il-proviso bil-prinċipju li l-Qorti jekk tkun tal-fehma illi l-ksur tal-kundizzjoni msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija ma hiex ta' konsegwenza serja ma għandhiex tapplika l-estremi tal-liġi. Minn hawn għalhekk naraw, li sal-1989 id-diskrezzjoni mogħtija llum lill-Qorti fil-proviso tal-artikolu ma kienitx tesisti.
2. B'Att Nru. XXIX tal-1990 kien hemm emenda waħda oħra, iżda li ma hiex ta' importanza għall-kwistjoni li qed tittratta l-Qorti.

Pero jfisser ukoll, li dan l-artikolu baqa' kif kien u għalhekk ma ddaħħlet ebda diskrezzjoni tal-Qorti.

3. B'Att III tal-2002 għal darba oħra kien hemm emendi għal dan l-artikolu, li pero' li ma kienux jirrigwardaw il-kwistjoni li għandha quddiemha din il-Qorti.  Dan ifisser li għal darba oħra sa dak in-nhar, id-diskrezzjoni li tgawdi l-Qorti llum fil-proviso tal-artikolu kif inhu kienet għadha mhux introdotta.

4. Bl-Att Nru. XVI ta' l-2006, għal darba ma jirrisultax li ġiet introdotta d-diskrezzjoni li għandha l-Qorti illum fil-proviso li tiddisponi li "…*Iżda l-Qorti tista' tiddeċiedi li ma tapplikax id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu jew li ma <u>tapplikahomx fl-intier tagħhom</u>*". Iddaħħlu it-tlett disposizzjoni l-oħra iva li hemm llum, iżda mhux id-diskrezzjoni li għandha llum il-Qorti fil-proviso tal-artikolu kif inhu.

5. Bl-Att Nru. VIII tal-2015 għal darba oħra kien hemm emendi f'dan l-artikolu iżda ma tantx jirrigwardaw l-kwistjoni li qed tittratta l-Qorti f'dan l-istadju tal-Kawża.

6. Kien Bl-Att XXIX tal-2021 li daħal l-ewwel darba l-prinċipju lill-Qorti setgħet tapplika in toto jew in parte il-komminazzjonjiet tal-liġi fost oħrajn il-konfiska tal-garanzija.

**26.** Issa sal-mument li saret il-Kawża il-proviso inkwistjoni kienet tipprovdi hekk: "*Izda din id-disposizzjoni ma ghandhiex tapplika meta l-*

*Qorti tkun tal-fehma illi l-ksur tal-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti fid-digriet taghha li bih taghti l-helsien mill-arrest taht garanziji ma hiex b'konsegwenza serja*" (il-Qorti qed tikkwota l-artikolu kif riportat fir-rikors promotur) meta llum kif jingħad, fl-artikolu kif inhu, il-Qorti tista' *ma tapplikax id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu jew li ma tapplikahomx fl-intier tagħhom.* Kjarament din hija diskrezzjoni li tgawdi l-Qorti llum imma mhux dak in-nhar tad-digrieti u fil-mument li sar ir-rikors odjern.

**27.** Fil-mument meta ngħataw id-digrieti fuq imsemmija, il-Qorti tassew ma kellhiex id-diskrezzjoni li tgawdi llum fil-proviso ta' dan l-artikolu bis-saħħa tal-emendi introdotti fl-4 ta' Ġunju 2021. Di fatti fid-digriet tagħha tat-28 ta' Ġunju 2005 dik il-Qorti ma kellha ebda għażla. Kellha biss is-setgħat li tapplika jew ma tapplikax il-proviso fl-intier tiegħu tant li qalet li "*fil-fehma taghha ma japplikax il-proviso tal-artikolu 579"* (Ara a' fol 202 tergo).

**28.** Iżda irid jingħad ukoll li fil-2006, fir-rikors promotur tiegħu, ir-rikorrent għid li twieldet l-għażla, għalkemm fid-diskrezzjoni tal-Pulizija, li l-esponent jeħel piena ferm anqas minn dik li effettivament ingħata mill-Qorti tal-Maġistrati għall-ksur tal-obbligu ta' rinkażar fid-digrieti tat-28 ta' Ġunju 2005 u tad-19 ta' Jannar 2006. Din l-emenda lanqas tagħmel referenza għall-konfiska tal-garanzija imposta mid-digriet tal-Qorti u allura anke l-possibbli nuqqas ta' ħlas tagħha u l-konverzjoni f'detenzjoni u telfien tal-ħelsien.

**29.** F’dan ir-rigward jingħad, li l-emendi ntrodotti, permezz ta’ l-Att XVI ta’ l-2006 – ħafna mix-xenarju inbidel għaliex oltre għall-proċedura stabbilita fis-subartikolu (1) ta’ l-Artikolu 579, daħlet proċedura ġdida. Illum il-ksur ta’ kundizzjoni imposta mill-qorti fid-digriet li bih tkun tat il-ħelsien mill-arrest jista’ jitqies li huwa rejat. Bħal f’kull reat, il-konsegwenza hija piena. Din il-piena tista’ tkun jew dik biss indikata fis-subartikolu (2) – multa jew priġunerija, jew multa u priġunerija flimkien – jew tista’ tinkludi wkoll it-telfien tal-ħelsien mill-arrest (iżda mhux il-konfiska tas-somma) fil-proċeduri li fihom il-ħati jkun ingħata l-ħelsien mill-arrest preventiv.

**30.** Jingħad “tista’” għax il-leġislatur ta l-fakolta` lill-Pulizija li meta jressqu lill-imputat dan irid jitressaq dejjem taħt arrest – talli kiser xi waħda mill-kundizzjonijiet imposti mill-qorti, huma jistgħu wkoll jitolbu “fl-istess proċedimenti … ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid ta’ dik il-persuna”. Għalhekk jagħmel ħafna sens li jkun hemm dik il-fakolta` għax filwaqt li kull ksur ta’ kundizzjoni tal-qorti, żgħir kemm ikun żgħir, jammonta wkoll għal reat, għar-revoka tal-ħelsien mill-arrest. Dan jagħmel ukoll sens għaliex jekk il-pleġġ ikollu raġuni jissuspetta illi l-imputat jew akkużat ikun ser jaħrab, huwa jista’, wara li juri lill-Pulizija Eżekuttiva li għandu raġun il-għaliex hekk jissuspetta, jitlob l-arrest mill-ġdid ta’ l-imputat jew akkużat, u b’hekk jeħles mill-pleġġerija tiegħu.

**31.** Issa ta' min jinnota, li l-artikolu 579 saħansitra jelenka numru ta' istanzi speċifiċi fejn jista' japplika l-artikolu 579. Jista' jingħad li dan l-artikolu jipprospetta żewġ kategoriji ta' ksur: A) ksur ġenerali tal-kundizzjinijiet imposti bħal dik ta' rinkażar fost oħrajn jew li jonqos li jidher għall-Kawża u B) dawk li huma speċifiċi u li fil-fehma tal-Qorti huma ta' ċertu gravita' bħal meta l-persua "*jinħeba jew jitlaq minn Malta, jew waqt li jkun meħlus mill-arrest jikkommetti delitt li ma jkunx wieħed ta' natura involontarja, jew jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b'mod ieħor jintralċja jew jipprova jintralċja il-kors tal-ġustizzja fir-rigward tiegħu jew ta' xi persuna oħra*".

**32.** Ma għandu jkun hemm ebda dubbju li l-kundizzjoni li fil-fatt kiser ir-rikorrent b'ebda mod ma jista' jingħad li hija tal-gravita' tal-istanzi l-oħra elenkati fit-tieni kategorija, b'danakollu, bl-artikolu kif kien qabel, il-Qorti ma kienitx tgawdi mid-diskrezzjoni li daħlet wara. Dan ifisser li anke kieku riedet, ma setgħetx tagħti miżura kommesurabbli u proporzjonali għall-ksur kommess mir-rikorrent.

**33.** Issa tajjeb jingħad, li sakemm kienet deċiża l-Kawża u cioe' fis-26 ta' Jannar 2010, uħud mill-emendi li hemm llum kienu laħqu sar, pero kienu ġew fis-seħħ wara li kienu ngħataw id-digrieti fuq imsemmija, biex għalhekk ir-rikorrent, ġie sa ċertu punt imċaħħad mill-benefiċċju li joffri l-artikolu illum, fost oħrajn bil-possibilta' li seta' ma tilifx il-ħelsien tiegħu jew

tal-inqas ma jingħatax piena ta' detenzjoni daqstant fit-tul ta' 1200 jum, li hija għal kollox irraġjonevoli u sproporzjonata.

**34.** F'dan ir-rigward l-awturi anke b'preferenza għall-każ ta' **Gatt -vs- Malta 2010** jikkummentaw hekk:

"*The fine was converted to imprisonment based upon a fee per day, the outcome of whuch was total detention period of five and a half years. The Court found a breach of article 5(1)(b). It looked to the lack of balance between the length of the prison Sentence imposed, and the fact that it was triggered by a one time breach of curfew. The court found this disproportionate in itself on the basis that it was excessive, noting that much shorter periods had been applicable in other caselaw.*" (**Harris, O'Boyle and Warbrick, Law of The European Convention On Human Rights, 4th Ed, pg 315**). Issa fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti il-konverżjoni kienet għal 3 snin u nofs detenzjoni. Anke jekk ir-rikorrent ma għamilx dan il-perjodu għaliex ħallas, xorta jibqa' l-fatt li għall-ksur ta' kundizzjoni ta' rinkażar, din il-Qorti tħoss li dan kien perjodu eċċessiv aktar u aktar meta, kif diġa' rilevat, hemm dubbji serji dwar kemm dan il-perjodu huwa konformi mal-liġi. Biex jeħles minn dan it-tul ta' detenzjoni, ir-rikorrent li ma jidhirx li kien xi wieħed ta' sustanza kellu jara kif jagħmel biex isib biżżejjed flus sabiex jikseb il-liberta'. Is-sitwazzjoni tfakkar remotament fil-fidwa tal-ilsiera li kienu jinħelsu mill-madmad wara li xi ruħ tajba kienet tagħmel tajjeb għalihom.

**35.** Fl-aħħar nett irid jingħad ukoll l-eċċezzjonijiet għar-regola ġenerali li ħadd ma għandu jkun imċaħħad mil-liberta' tiegħu, għandhom dejjem ikunu interpretati b'mod ristrettiv (ara **Conka -vs- Belgium 2022**).

**36.** Għalhekk wara li l-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha, waslet għall-konklużjoni li l-artikolu 579 tal-Kodiċi Ċivili u dan qabel ma daħlu l-emendi, tassew kien jilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif imħarsa minn artikoli 34 u 5 tal-Kostituzzjoni u Konvenzjoni rispettivament.

*L-artikoli 39 Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni*

**37.** Dak li wassal biex ittieħdu l-miżuri kontra r-rikorrent minħabba ksur tal-kundizzjoni ta' rinkażar kien rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija abbażi tal-artikolu 579 tal-Kodiċi tal-Kriminali qabel ma dan l-artikolu kien emendat. Sa dak in-nhar kienet għadha ma tapplikax il-proċedura taħt artikolu 579(2) li jipprovdi għall-ħruġ ta' akkuża minħabba inadempjenza mal-kondizzjonijiet imposti fuq akkużat meta kien jingħata l-ħelsien mill-arrest. Għalhekk, bil-proċedura kif kienet tesisti fil-mument li r-rikorrent kiser il-kundizzjoni ta' rinkażar, ma kienitx *stricto iure* tammonta għall-akkuża bil-mod formali u proċedurali kif nifhmuha. Di fatti fir-rikors tiegħu il-Kummissarju tal-Pulizija kull ma talab kien ir-revoka contrario imperio tad-digriet tal-Qorti li bih akkordat lir-rikorrent il-ħelsien mill-arrest bil-konsegwenzi li dan iġib miegħu.

**38.** F'dan l-istadju tqum il-kwistjoni ta' x'jikkostitwixxi akkuża kriminali b'dak kollu li huwa mistħoqq biex ma jkunx hemm il-leżjoni tal-artikoli li qed ikunu trattati. Il-**Qorti Ewropea fil-każ ta' Foti deċiż fl-10 ta' Diċembru, 1982,** qalet hekk:

*"[w]hilst 'charge', for the purposes of Article 6 para. 1, may in general be defined as 'the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence', it may in some instances <u>take the form of other measures which carry the implication of such an allegation and which likewise substantially affect the situation of the suspect</u>".* (Emfażi tal-Qorti).

**39.** Il-Qorti fliet sewwa l-proċedura li waslet għaż-żewġ digrieti mertu ta' dawn il-proċeduri. It-tieni proċedura kienet pjuttost konsegwenza tal-ewwel digriet stante li r-rikorrent kien naqas li jħallas il-garanzija kollha. Għalkemm ma kienx hemm akkuża fomali bħal ma jrid illum l-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali f'dawn il-proċeduri xorta kien hemm <u>xilja</u>. Il-Kummissarju xela lir-rikorrent li kiser il-kundizzjoni ta' rinkażar. Ir-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti u saħansitra tressqu x-xhieda. Meta għalhekk ingħata d-digriet tat-28 ta' Ġunju 2005 bil-konsegwenza li ġie ordnat ir-riarrest tiegħu u intilfet favur l-Istat il-garanzija. Bid-digriet tad-19 ta' Jannar 2006 li kien konsegwenzjali għal dak ta' qabel saret il-konversjoni f'1200 jum detenzjoni.

**40.** L-elementi kollha ta' smiegħ u li dejjem għandu jkun xieraq quddiem Qorti ai fini tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u 6(1) tal-Konvenzjoni, kollha qegħdin hemm. Il-konsegwenza fiha innifisha li r-rikorrent tilef il-ħelsien tiegħu apparti l-garanzija, kollha huma fatturi indikattivi u li jissejħu kif jissejħu dawn il-proċeduri, xorta jammontaw għall-piena fis-sens strett kriminali. X'hemm aktar gravi minn persuna li titlef il-ħelsien tagħha minħabba proċeduri jissejħu kif jissejħu?

**41.** L-awturi josservaw li "*Like the word 'criminal', 'charge has an autonomous conventiom meaning. It is the official notification given to the individual by the competent Authority of an allegation that he has committed a criminal offence or some other act which carries the implication that he has committed a criminal offence or some other act which carries <u>'the implication of such an allegation and which likewise substantially affects the situation of the suspect</u>"*. (Emfażi tal-**Qorti u ara Harris, O'Boyle and Warbrick, op cit, pg.379. Ara ukoll Corigliano -vs- Italy 1982**).

**42.** Għalhekk il-Qorti tqies, li l-proċedura li saret mill-Kummissarju tal-Pulizija tammonta għall-akkuża kriminali. Dan tant huwa minnu, li meta saru l-emendi fl-2006 ma kien hemm ebda diffikulta' biex din tkun ifformulata ukoll bħala akkuża bis-saħħa ta' subartikolu 2, għaliex fis-sustanza diġa' tesisti taħt subinċiż 1 tal-artikolu 579.

**43.** Il-Qorti tinnota differenza waħda importanti: fil-waqt li taħt il-proċedura l-ġdida s-suspettat jista' jiddefendi lilu innifsu mhux biss fis-sens li l-ksur ma hux wieħed ta' konsegwenza gravi, iżda ukoll jista' iressaq argumenti li anke jekk hemm ksur, il-Qorti għandha timmitiga l-kastig. Taħt ir-reġim l-antik, dan ma setax isir u għalhekk is-sitwazzjoni kif kienet tipprevali qabel l-emendi, partikularment dawk tal-2021, kienet iċċaħħad lir-rikorrent milli jagħmel dan l-argument.

**44.** Is-sitwazzjoni kif kienet għalhekk ma hi xejn konsonanti mal-prinċipju ta' parita' ta' armi vis-à-vis il-prosekuzzjoni. Il-prosekuzzjoni ma kellhiex għalfejn targumenta li l-Qorti għandha timponi l-massimu f'każ li jirrisulta li l-ksur kien wieħed ta' konsegwenza gravi għaliex dejjem hekk kellu jkun. Is-sitwazzjoni kienet ukoll bi ksur tal-prinċipju tal-*audi alteram partem* u dan għaliex, jargumenta kemm jargumenta r-rikorrent li l-ksur ma kienx daqstant gravi ma setax jingħata widen (*audi*) għal dan l-argument.

**45.** Il-prinċipju '*audi alteram par*tem' huwa prinċipju fundamentali li jgħabbi lil kull min jiġi msejjaħ jiddeċiedi dwar drittijiet ta' ħadd ieħor. Il-prinċipju 'audi alteram partem' huwa prinċipju fundamentali mixħut fuq kull min jiġi msejjaħ li jiddeċiedi. S.A. de Smith fil-ktieb jispjega, li dan il-prinċipju, *"Is the more interesting and important rule of natural justice. In its crudest form, it means that nobody shall be penalized by a decision of a court or tribunal unless he has been given (a) prior notice of the charge*

*or case he has to meet, and (b) a fair opportunity to answer the case against him and to put his own case*". (ara **Constitutional and Administrative Law, Penguin Books, 3rd Edit. pagna 564**). Fil-kawża famuża ingliża fl-ismijiet **Ridge vs Baldwin, deċiża mill-House of Lords fl-1964,** intqal li d-dritt għal smiegħ xieraq *"is a rule of universal application"*, u Lord Loreburn, poġġiha b'mod mill-aktar sempliċi iżda fl-istess ħin mill-aktar ċar fis-**Sentenza fl-ismijiet Board of Education vs Rice, deċiża wkoll mill-House of Lords fl-1911**, meta qal li d-dover li jagħti smiegħ xieraq hu impost "*upon every one who decides anything*". Għalhekk kif qatt seta' ir-rikorrent jingħata widen fuq aspett li kien jolqtu fil-laħam jekk il-liġi kif kienet teskludih milli jagħmel dan aprijoristikament! Ma għandniex xi ngħidu din il-mistoqsija hija waħda retorika.

**46.** Għalhekk anke hawn il-Qorti ser issib li kien hemm ksur tad-drittijiet tar-rikorrent kif imħarsa mill-artikoli 39(1) tal-Kostituzzjoni u 6(1) tal-Konvenzjoni.

**47.** Kwantu għar-rimedju, din il-Qorti qieset żewġ ċirkostanzi li jimmilitaw kontra r-rikorrent. L-ewwel wieħed li tassew kien kiser il-kundizzjoni tar-rinkażar u li ma kienx għal fatt li l-Kummissarju rtira il-proċeduri oħrajn fil-konfront tiegħu kien hemm ċans tajjeb li jerġa' jinstab li kiser l-istess kondizzjoni. Dan kien fil-5 ta' Jannar 2006 għaliex għal darba oħra r-rikorrent inqabad barra wara l-10.00 pm din id-darba f'Chequers Bar. Din it-talba ġiet irtirata (a' fol 233).

**48.** It-tieni wieħed għaliex ħalla dawn is-snin kollha jgħaddu biex jagħmel il-proċedura odjerna. Veru li fil-kamp Kostituzzjonali ma tesistix preskrizzjoni, iżda minn naħa l-oħra l-anqas ma din il-Qorti tista' taċċetta mingħajr ma jkun hemm konsegwenzi għal-letarġija da parti ta' min idum is-snin biex jintavola proċeduri tax-xorta li għandha quddiemha din il-Qorti. Kulħadd għandu l-obbligu li jieħu kura tad-drittijiet tiegħu tempestivament.

**49.** Fir-rikors tiegħu r-rikorrent qiegħed jitlob bħala rimedju r-rifużjoni tal-ammont sħiħ li kienet tirrapresenta l-garanzija iġifieri LM8000 ekwivalenti għal tmintax-il elf sit mija u erbgħin ewro (€18,640). Il-Qorti tfakkar, li dak li qed jilmenta minnu r-rikorrent li l-Qorti ma kellhiex is-setgħa li timitiga l-kastig għalhekk dan ifisser fost oħrajn, li dik il-Qorti setgħet tordna biss parti mill-garanzija li tintilef favur il-Gvern. Għalhekk tenut dan u tenut iż-żmien li ħa r-rikorrent biex għamel dawn il-proċeduri il-Qorti ser tordna li l-intimat Avukat jirrifondi lura lir-rikorrenti nofs dan l-ammont u ċioe' disgħat elef tlett mija u għoxrin ewro (€9320). Fiċ-ċirkostanzi, bħala danni non-pekunjarji tikkundanna lill-istess intimat Avukat iħallas lir-rikorrent is-somma ta' elf ewro (€1000).

**50.** Kwantu għal min għandu jkun fil-ġudizzju l-Qorti taqbel mat-tieni eċċezzjoni tal-intimati. Peress li qed tkun attakkata liġi u mhux l-għemil tal-Kummissarju tal-Pulzija, li wara kollox mexa skond il-liġi, il-leġittimu kuntradittur f'dawn il-proċeduri għandu jkun l-Avukat tal-Istat. Dan

jemerġi ċar mill-artikolu 181B(2) tal-liġijiet ta' Malta li jiddisponi li "*L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.*"

**51.** Għalhekk il-Qorti ser tkun qed tillibera lill-Kummissarju tal-Pulizija mill-osservanza tal-ġudizzju.

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi dan ir-rikors bil-mod segwenti:

**Tilqa' it-tieni eċċezzjoni** tal-intimati u tillibera lill-Kummissarju tal-Pulizija mill-osservanza tal-ġudizzju;

**Tilqa' l-ewwel talba** rikorrenti u tiddikjara li l-artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali kif kien fis-seħħ fit-28 ta' Ġunju 2005 u fid-19 ta' Jannar 2006 u bit-tħaddim u l-applikazzjoni tal-istess disposizzjoni, ir-rikorrent sofra vjolazzjoni tal-prinċipju tal-proporzjonalita' kif protett mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, u tad-drittijiet fundamentali kif protetti bl-artikolu 34 (1)(d) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikolu 5(1) tal-istess Kovenzjoni (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta);

**Tilqa' it-tieni talba** rikorrenti u tiddikjara illi bil-liġi fiż-żmien li l-ordnijiet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienu fis-seħħ wara d-digrieti tagħha tat-28 ta' Ġunju 2005 u tad-19 ta' Jannar 2006, u bit-tħaddim u l-applikazzjoni tal-istess liġi r-rikorrent sofra vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali meta seta' jikkontesta dawk l-ordnijiet biss quddiem l-istess Qorti li ddekretathom;

**Tilqa' it-tielet talba** rikorrenti b'dana li bħala rimedju qed tordna lill-intimat Avukat tal-Istat jirrifondi lura lir-rikorrent nofs il-valur tal-garanzija fuq imsemmija fl-ammont ta' disgħat elef tlett mija u għoxrin ewro (€9320) u kif ukoll tikkundannah iħallas lir-rikorrent l-ammont ta' elf ewro (€1000) rappresentanti danni non pekunjarji.

Spejjes tar-rikors għall-intimat Avukat tal-Istat ħlief għal dawk tal-Kummissarju tal-Pulizija li għandhom ikunu sopportati mir-rikorrent.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**